Newspaper Post

żminijietna
lehen ix-xellug

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru.12 | Ottubru-Diċembru 2011 | 40c

### *Mingħajr servizzi soċjali*

# Il-foqra jiżdiedu minn 61,000 għal 144,000

*Analiżi minn Evarist Bartolo MP*

L-istħarriġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika juri li kieku ma jeżistux il-benefiċċji soċjali f'pajjiżna: benefiċċji soċjali għat-tfal, il-pensjoni, tal-qgħad, tal-mard, in-numru ta' fqar f'pajjiżna ikun iżjed milli jirdoppja, għax minn 15% jitla' għal 36% tal-popolazzjoni tagħna. Dan ifisser li mingħajr sistema ta' benefiċċji soċjali dawk f'riskju tal-faqar kienu jkunu iżjed minn 144,000 ruħ, iżjed minn terz tal-popolazzjoni tagħna.

45% tal-familji Maltin u Għawdxin għandhom dħul ta' bejn 30 u 40 euro kuljum. Dawn jinkludu wkoll, waħda minn kull ħames familji li d-dħul tagħhom huwa l-iżjed baxx fil-gżejjer Maltin; li d-dħul tagħhom huwa ta' bejn 15 u 30 euro kuljum.

Fl-aħħar ta' Lulju li għadda l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika xandar l-istħarriġ li għamel dwar id-dħul u l-livell tal-għixien tagħna *(Survey on Income and Living Conditions)* li juri li d-dħul kollu tal-popolazzjoni tagħna, tliet snin ilu, kien ta' tliet biljun euro u nofs. Dan jagħti dħul minn ras għal ras ta' 60 euro kuljum. Iżda dan id-dħul jeżisti biss fl-istatistika għax fil-fatt hemm min qed jaqla' iżjed minn 60 euro kuljum u hemm ħafna li jaqilgħu ferm inqas.

Kif mistenni l-istħarriġ juri li l-ogħla dħul huwa fejn hemm persuna jew persuni jaħdmu u l-inqas dħul hu fejn hemm l-anzjani u persuni bla xogħol. Tliet kwarti tal-familji tagħna jgħixu mix-xogħol tagħhom jew billi jaħdmu ma' oħrajn jew billi jaħdmu għal rashom.

Ħafna minn dawk li għandhom id-djar tagħhom, aktarx li għandhom dħul ta' madwar 60 euro kuljum waqt li dawk li jgħixu fil-kera jew f'dar tal-gvern idaħħlu madwar 40 euro kuljum. Nofs il-familji jsibu li l-ħlasijiet ta' kuljum biex iżommu d-dar huwa piż finanzjarju tqil ħafna. Dawn il-ħlasijiet jinkludu l-imgħax fuq il-flus li sselfu biex jixtru d-dar, jew il-kera, l-elettriku, il-gass, l-assikurazzjoni u l-manutenzjoni. Kull familja tħallas medja ta' 157 euro fix-xahar fuq dawn il-ħlasijiet.

L-istħarrig tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika juri li 10% tal-familji biss jgħidu li ma jsibu l-ebda piż finanzjarju biex ilaħħqu mal-ispejjeż tad-dar. Il-medja tal-kera fix-xahar hija ta' 51 euro. Familja bla tfal jonfqu 43 euro fix-xahar fuq il-kera waqt li għall-familji bit-tfal il-kera hija ta' 72 euro fix-xahar. * (Figuri meħuda mis-sena 2008, qabel ma saret ir-riforma tal-Kera).

Ħafna mid-djar Maltin huma magħmulin minn ħamest ikmamar. 29 % fil-familja jgħixu fid-djar ta' din id-daqs. 30 % ta' dawk li huma fil-kera jgħixu f'dar b'erbat ikmamar.

Familji bit-tfal għandhom dħul medju ta' madwar 25,000 euro fis-sena jew kważi 70 euro kuljum. Iżda dan hu dħul medju maħdum fl-istatistika minn ras għal ras. Iżda huwa biss fl-istatistika li d-dħul jitqassam hekk għax fil-fatt hemm min għandu dħul ogħla u ħafna għandhom dħul iżjed baxx. Id-dħul tal-familji fin-naħa ta' fuq tal-pajjiż huwa ogħla minn dak tan-naħa t'isfel.

Nofs il-persuni li jgħixu fil-gżejjer tagħna idaħħlu inqas minn 10,000 euro fis-sena. Persuna tkun meqjusa fqira jekk iddaħħal inqas minn 6,000 euro fis-sena. Għandna ftit iżjed minn 61,000 persuna meqjusa fir-riskju tal-faqar, jiġifieri 15 minn kull mitt persuna f'Malta u Għawdex.

L-istħarriġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika juri li kieku ma jeżistux il-benefiċċji soċjali f'pajjiżna: benefiċċji soċjali għat-tfal, il-pensjoni, tal-qgħad, tal-mard, in-numru ta' fqar f'pajjiżna ikun iżjed milli jirdoppja, għax minn 15% jitla' għal 36% tal-popolazzjoni tagħna. Dan ifisser li mingħajr sistema ta' benefiċċji soċjali dawk f'riskju tal-

*(Ikompli f'paġna 2)*

# Ir-rivoluzzjoni fl-Eġittu saret mill-ħaddiema mhux mill-intellettwali

## - Mona el-Shemy, kittieba Eġizzjana

"Kienu l-ħaddiema u l-poplu normali li wettqu r-rivoluzzjoni fl-Eġittu u warrbu lir-Reġim ta' Hosni Mubarak, mhux il-kittieba u l-intellettwali, qalet Mona el-Shemy, kittieba Eġizzjana f'intervista esklussiva ma' Żminijietna.

Mona el-Shemy u l-kittieb Tarek Eltayeb tkellmu ma' Żminijietna meta kienu Malta qed jieħdu sehem fil-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta li sar bejn it-8 u l-10 ta' Settembru, organizzat minn Adrian Grima.

F'dan il-festival ħadu sehem numru ta' artisti oħra li wkoll ġejjien minn pajjiżi fejn hemm it-taqlib.

Mona el-Shemy qalet li ilha kittieba minn mindu tiftakar imma kienet tikteb f'moħħha u fis-silenzju.



*Ritratt: Tarek Eltayeb u Mona el-Shemy*

Bdiet tikteb fil-"veru" fis-sena 2000 u minn dakinhar kitbet tliet rumanzi u tliet ġabriet ta' stejjer qosra. Il-kitba tagħha tirrifletti dettalji tal-ħajja soċjali u l-qagħda politika fl-Eġittu.

Hija qalet li s-sitwazzjoni il-lum fl-Eġittu għall-kittieba u l-intelletwali għadha ma nbidlitx għax għadu m'għaddiex żmien biżżejjed minn mindu saret ir-rivoluzzjoni. "Imma rridu nifhmu li r-rivoluzzjoni hija tal-poplu, li l-poplu huwa s-sid tar-rivoluzzjoni u dak li nagħmlu jrid ikun b'appoġġ għall-poplu.

"Kien il-poplu "normali" li wettaq ir-rivoluzzjoni mhux l-intellettwali, li daħlu fix-xena wara. L-Unjin

*(Ikompli f'paġna 2)*

*Ġewwa ...*

- **Intervista mar-rappreżentant ta' Friends of the Earth Malta**
- **Rapport tas-seminar ta' Żminijietna dwar il-liġi tal-COLA**

**Kitbiet minn ...**
**A. Pert**
**Mary Anne Zammit**
**Sammy Camilleri**
**Victor Degiovanni**

# Il-Partiti fuq ix-Xellug javvanzaw fl-elezzjonijiet fl-Ewropa

Jidher li l-popli ta' l-Ewropa bdew mewġa xellugija, bil-partiti soċjal-demokratiċi, soċjalisti, komunisti, ħodor u xellugin oħra jagħmlu avvanzi sostanzjali f'diversi elezzjonijiet nazzjonali u lokali.

Id-Danimarka se jkollha gvern ġdid meta l-poplu vvota favur "Alleanza Ħamra" u warrab il-gvern tal-lemin, ċampjin tas-sistema kapitalista tas-suq ħieles. L-Alleanza Ħamra ġabet fit-tmiem għaxar snin ta' gvern lemini msejjaħ Liberali li ggverna bis-saħħa tal-partit bl-isem Poplu tad-Danimarka (DPP) tal-lemin estrem.

L-Alleanza Ħamra hija magħmula mis-Soċjal Demokratiċi, il-Partit Soċjal Liberali, il-Partit Soċjalista tal-poplu u l-Alleanza Ħamra-Ħadra li b'kollox rebħu 50.2% u maġġoranza ta' tliet siġġijiet, b'żieda ta' tmien siġġijiet fuq l-elezzjoni ta' qabel. L-Alleanza Blu magħmula minn ħames partiti, fosthom id-Demo-Kristjani li ma rebħu ebda siġġu, u d-DPP estrem, li tilef tliet siġġijiet, b'kollox ġabu 86 siġġu.

Rebħa xellugija kbira seħħet fi Franza meta x-xellug, għall-ewwel darba mill-1958 'l hawn, kiseb il-maġġoranza assoluta fis-Senat. Politikament is-Senat mhuwiex importanti ħafna fit-tmexxija ta' Franza, imma r-rebħa tax-Xellug hija ta' valur morali kbir. Sinjal b'saħħtu li l-poplu Franċiż huwa mxebba' bil-gvern lemini ta' Nicolas Sarkozy. Fi Franza l-elezzjoni għall-Parlament u l-Presidenza, se isiru fi żmien seba' xhur oħra.

Is-Senat jintgħażel bil-vot ta' sindki u kunsillieri lokali u reġjonali u r-rebħa tax-xellug hija xiehda li fil-gvernijiet lokali hemm maġġoranza xellugija. L-ispeaker lemini tas-Senat kien iddikjara qabel l-elezzjoni li rebħa xellugija kienet tkun "terrimot politiku".

Ir-rebbieħa fis-Senat huma l-Partit Soċjalista, l-Ħodor u alleanza xellugija magħrufa bħala l-Front Xellugi magħmul mill-Partit Komunista, il-Partit tax-Xellug anti-kapitalista u żewġ partiti xellugin żgħar oħra. Il-Partit Komunista kellu 14-il siġġu u issa għandu 15. L-elezzjoni kienet għal 170 siġġu, nofs is-Senat, u x-Xellug rebaħ mill-inqas 26 siġġu minn idejn il-lemin.

Fil-Ġermanja l-gvern ta' koalizzjoni leminija mmexxija minn Angela Merkel sofriet telfa wara l-oħra fl-istati (Lande) tal-Ġermanja. Il-Partit FDP li huwa parti mill-koalizzjoni tilef l-aktar u f'ħafna stati lanqas biss se jkollu siġġu wieħed, waqt li s-Soċjalisti, ix-Xellug (Die Linke) u l-Ħodor għamlu avvanzi kbar. Imma fl-aħħar elezzjoni, dik ta' Berlin, ħareġ partit ġdid, "Il-Pirati" li kiseb voti biżżejjed biex ikun fil-Parlament. Il-partiti tal-gvern, CDU u FDP ma ġabux iktar minn kwart tal-voti fil-waqt li t-tliet partiti tal-lemin estrem ma qabżux il-5% tal-voti bejniethom.

F'elezzjoni oħra, ta' Meklenberg Vorpommern, il-Ħodor irdoppjaw il-voti u ġabu 8.4% u issa dan il-partit huwa rappreżentat fis-16-il Parlamenti kollha ta' l-istati Ġermaniżi. Die Linke (ix-Xellug) żied il-voti u kiseb 18.4%. It-telliefa kienu l-partiti tal-gvern jiġifieri s-CDU (Demokristjani) li naqqas 5.7% u l-FDP. Id-daqqa kienet ikbar għax dan huwa l-istat tal-Kanċilliera Merkel.

Pajjiż ieħor fejn ix-Xellug u l-Ħodor kisbu riżultat pożittivi huwa fil-Latvja fejn il-partit *Harmony Center* spiċċa l-ikbar partit. Dan il-partit huwa xellugi, jirrappreżenta lill-minoranza Russa fil-pajjiż u huwa pro-Russja. Imma kiseb ukoll il-voti ta' ħafna Latvjani li qegħdin isofru mill-programmi ta' awsteritá selvaġġa li wettaq il-gvern lemini biex isolvi l-kriżi ekonomika maħluqa minn dan il-gvern qaddej tal-banek. Il-Partit Harmony Center jista' ma jkunx fil-gvern għax issir alleanza kontrih.

Huwa ċar li f'kull pajjiż fejn il-gvernijiet baxxew rashom għall-banek u l-IMF u mponew fuq il-popli tagħhom miżuri ħorox ta' awsteritá tilfu l-voti bil-kbir.

Ħafna jistennew li l-gvern Soċjalista ta' Spanja se jitlef il-gvern għax ukoll baxxa rasu għall-ordnijiet tal-qaddejja u l-għodda tal-kapital, bħall-IMF.

Ix-Xellug għad irid jitbiegħed mill-politika neo-liberali u jippreżenta lill-popli b'alternattiva ekonomika oħra li ma tkomplix titfa' l-piż tal-kriżi fuq in-nies.

# Il-foqra f'Malta

***(Jaqbad minn paġna 1)***

faqar kienu jkunu iżjed minn 144,000 ruħ, iżjed minn terz tal-popolazzjoni tagħna.

Id-dħul u l-livell tal-għixien fil-gżejjer tagħna juri li hemm iżjed nisa milli rġiel fir-riskju tal-faqar. Iżda l-iżjed fir-riskju tal-faqar huma t-tfal. Wieħed minn kull ħamest itfal f'pajjiżna huwa fir-riskju tal-faqar. 19 minn kull mitt anzjan ta' 'l fuq minn 65 sena wkoll jinsabu fir-riskju tal-faqar. 53% ta' familji b'ġenitur wieħed, jiġifieri iżjed minn nofshom, huma fir-riskju tal-faqar. Terz ta' dawk li huma fir-riskju tal-faqar jgħixu fid-djar fejn hemm żewġ ġenituri u tliet jew iżjed tfal.

L-iżjed inħawi fir-riskju tal-faqar huma dawk fin-naħa ta' isfel ta' Malta. Hemmhekk jgħixu 18% ta' dawk meqjusa fqar, tlieta fil-mija ogħla mill-medja nazzjonali. Iżjed minn terz ta' dawk bla xogħol ukoll huma fir-riskju tal-faqar.

45% tal-familji Maltin jixtiequ jbiddlu l-għamara qadima ħafna li għandhom id-dar iżda m'għandhomx flus biżżejjed biex jagħmlu dan. L-istħarriġ li xxandar f'Lulju juri li terz mill-familji m'għandhomx internet id-dar u erba' fil-mija jgħidu li m'għandhomx flus biex ikollhom dan is-servizz id-dar. Erbgħa fil-mija tal-familji Maltin jgħixu fi djar fejn m'għandhomx ilma sħun biex jinħaslu. 12 fil-mija jħossu li fejn joqogħdu hu żgħir wisq għall-bżonnijiet tagħhom.

Ħafna mill-familji ma jilmentawx fuq l-inħawi fejn joqogħdu iżda 19 fil-mija minnhom jilmentaw li hemm wisq ħmieġ fl-inħawi fejn joqogħdu. 15 fil-mija jilmentaw li hemm wisq vandaliżmu u tkissir tal-faċilitajiet pubbliċi fl-inħawi fejn joqogħdu.

40% tal-familji li għandhom dħul baxx u huma fir-riskju tal-faqar jilmentaw ukoll minn tniġġiż, ħmieġ u telqa ambjentali fejn joqogħdu, l-iżjed fin-naħa ta' isfel ta' Malta. 29% tal-familji jilmentaw minn storbju li jagħmlu l-ġirien jew ħsejjes li jkun hemm fit-triq.

Terz mill-familji li jużaw it-trasport pubbliku jilmentaw li kien diffiċli għalihom biex jinqdew tajjeb b'dan is-servizz minħabba r-rotot kif kienu. *L-istħarriġ sar sentejn qabel ma beda s-servizz il-ġdid tal-Arriva.*

Familji bi tfal li għandhom inqas minn 17-il sena ġew mistoqsija jgħidu jekk ibatux minn xi nuqqasijiet materjali u jekk uliedhom humiex imċaħħdin minn dak li għandhom bżonn għas-saħħa u l-kuntentizza tagħhom. Meta staqsewhom jekk jifilħux jixtru ħwejjeġ ġodda għal uliedhom 6% qalu li jsibuha diffiċli. Kwart mill-familji qalu li mhux uliedhom kollha kellhom apparat tal-logħob biex jilgħabu barra. 3% qalu li ma kellhomx biex jixtru kotba lil uliedhom.

It-tfal li jgħixu fil-familji fir-riskju tal-faqar qed jgħixu wkoll f'familji fejn s'issa m'hemm ħadd jaħdem u l-familji jsibuha diffiċli ħafna biex ilaħħqu ma' l-għoli tal-ħajja. Huma wkoll dawn il-familji fejn l-iżjed isibuha diffiċli jieklu laħam, ħut, ħaxix jew frott mill-inqas tliet darbiet fil-ġimgħa. Dawn il-familji m'għandhomx flus biex jagħtu vaganza mqar ta' ġimgħa lill-uliedhom.

# Ir-rivoluzzjoni fl-Eġittu twettqet mill-ħaddiema

***(Jaqbad minn paġna 1)***

tal-Kittieba Eġizzjana stenniet ħafna żmien qabel daħlet u dan wassal biex ħafna rriżenjaw mill-unjin", qalet Mona el-Shemy.

"Il-punt hu li jekk il-poplu jikseb id-drittijiet li jrid, il-kittieba u l-intellettwali wkoll jiksbu d-drittijiet tagħhom".

Mistoqsija x'wassal lill-poplu Eġizzjan biex iqum u jwarrab lir-reġim li kellu, Mona el-Shemy qalet li s-sitwazzjoni kienet ilha snin twal tbaqbaq. Il-poplu kien ilu jsofri għal snin twal f'kull qasam tal-ħajja. Kien ilu jsofri l-qgħad, dejn kbir, baġit insostenibbli, pagi baxxi, għoli tal-ħajja, taxxi, nuqqas ta' edukazzjoni u nuqqasijiet kbar fis-saħħa.

Kien hemm wkoll il-problema ta' nuqqas ta' provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb u anke biex isir it-tindif taż-żibel mit-toroq. Il-poplu u l-ħaddiema kienu magħkusa u fl-aħħar splodew.

Fi żmien li gej, fl-Eġittu għandha ssir l-elezzjoni Parlamentari. Mistoqija jekk bħala kittieba tinkwetax li l-Eġittu jispiċċa taħt tmexxija fundamentalista, Mona el-Shemy qalet li huwa veru li l-grupp Moslem Brotherhood huwa organizzat u b'saħħtu imma mhux se jirbħu kollox għax il-poplu mhux se jħallihom.

Forsi fi żmien aktar bikri dan kien jista' jseħħ, imma wara r-rivoluzzjoni l-maġġoranza tal-poplu mhix se tħalli dan iseħħ. Il-maġġoranza tal-poplu Eġizzjan hija moderata, speċjalment iż-żgħażagħ, u jekk jaraw l-estremiżmu se jerfa' rasu, dawn se jieqfulu. Jekk l-Eġittu jsir fundamentalista, dan ma jkunx għal żmien twil.

Mistoqsija jekk l-Eġittu jergax jsir qaddej ta' l-interessi Amerikani u tal-Punent, Mona el-Shemy qalet li hija ma temminx li se jsir hekk. L-Eġizzjani qegħdin jaraw x'qiegħed isir madwarhom u qegħdin jisieltu t-tagħlim. Hija qalet li hi żgur li jekk isir hekk, il-poplu se jiżgura li l-interessi ta' l-Eġittu jiġi l-ewwel qabel dawk Ewropej jew Amerikani.

Hija kompliet titkellem dwar il-qagħda politika preżenti u qalet li l-elezzjoni suppost se ssir fl-20 ta' Novembru. Hija qalet li fil-preżent l-Moslem Brotherhood huwa b'saħħtu u organizzat, u jagħmel ħafna ħidma u ġid fost il-poplu normali. Dana jista' jwassal biex jikseb ħafna voti.

Il-gruppi liberali xellugin u komunisti mhumiex dakshekk b'saħħithom għax ma kellhomx ħafna żmien biex jorganizzaw.

Tħassib ewlieni huwa li wara l-Moslem Brotherhood hemm it-tieni linja ta' fundamentalisti, fosthom il-grupp magħruf bħala Salafita, li meta ra li ma kienx se jikseb appoġġ, reġa' infiltra fil-Brotherhood.

Mistoqsija x'trid tara fl-Eġittu tal-futur, hija qalet li tixtieq li l-Eġittu tkun bħal Malta fejn il-poplu jkun iħobb lil pajjiżu u jaħdem għal pajjiżu.

Tarek Eltayeb huwa kittieb ukoll bi storja nteressanti. Huwa mwieled il-Kajr minn omm Eġizzjana u missier Sudaniż. Għex l-Eġittu 25 sena imma fl-1981 ma setgħax ikompli l-istudji tiegħu fl-Eġittu għax ir-reġim ta' Mubarak daħħal regolamenti ġodda u peress li kellu passaport Sudaniż bħal missieru, tkeċċa. Huwa mar ikompli l-istudji tiegħu fl-Awstrija fejn il-lum jgħix. Imma baqa' f'kuntatt regolari ma' l-Eġittu fejn il-familja tiegħu għadha tgħix.

Editorjal

# Malta lura bħala bażi militari “ta’ interessi mperjali”

Paragrafu f’rapport ta’ aħbar li deher ftit ilu fil-ġurnal “Times” ta’ Malta qanqal tħassib u għadab kbir fost min huwa daqsxejn midħla ta’ l-istorja riċenti u inqas riċenti.

Il-ġurnal kellu aħbar dwar iż-żjara f’Malta tal-bastiment tal-gwerra Ingliż HMS Albion. Il-ġurnal qalilna li dan il-bastiment huwa biex jittrasporta truppi u l-vetturi tagħhom bħala parti minn forza t’assalt mill-baħar. Il-bastiment iġorr 256 truppi li jistgħu jiżdiedu b’400 oħra.

Il-bastiment kien qiegħed jappoġġja l-operazzjonijiet tan-NATO kontra r-reġim ta’ Gaddafi fil-Libja f’Ġunju u “more recently strengthening the UK’s relationships in the Middle East” (aktar riċentement isaħħaħ ir-relazzjonijiet tar-Renju Unit fil-Lvant Nofsani).

U hawn bdew idoqqu l-qniepen ta’ l-allarm. X’inhuma l-interessi tar-Renju Unit fil-Lvant Nofsani li hemm bżonn li jiġu msaħħa bil-preżenza ta’ bastiment kapaċi li jwassal mijiet ta’ suldati u tankijiet biex jinvadu xi pajjiż?

Ħarsa lura lejn l-istorja turina kif l-Imperi Ewropej u anke ta’ l-Istati Uniti kellhom politika li malli jħossu li l-interessi tagħhom f’xi pajjiż indipendenti kienu qegħdin ikunu mhedda, kienu jibgħatu l-vapuri tal-gwerra u jagħmlu straġi f’dak il-pajjiż.

L-għajta popolari(!) fost l-imperjalisti kienet “Send a Gunboat”. Hekk kienu jagħmlu. Pajjiżi ta’ l-Amerika Latina, l-Asja u l-Afrika sfaw vittmi ta’ din il-politika imperjalista.

L-interessi ta’ l-imperjalisti ma kienux umanitarji imma kienu li jibqgħu iżommu kontroll tar-riżorsi tal-pajjiżi. Kienu jsibu xi skuża, bħal qtil ta’ xi missjunarju minn tagħhom jew ikun hemm xi gvern li jkun se jinnazzjonalizza r-riżorsi naturali ta’ pajjiżu u li kienu f’idejn il-kumpaniji tal-pajjiżi mperjalisti.

Hemm għexieren ta’ każi li seħħew tul l-istorja. Min jaf kemm il-darba l-Amerikani bagħtu l-bastimenti tal-gwerra u l-Morini biex iwaqqgħu xi gvern fl-Amerika Latina u jpoġġu minn floku xi dittatur militari qaddej tagħhom.

L-Ingliżi, l-Franċiżi, it-Taljani u l-Ġermaniżi bnew l-imperi tagħhom b’dan il-mod u baqgħu iwettqu dan l-aġir sa anke snin wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija.

Niftakru l-Franċiżi jibgħatu l-forzi biex jerġgħu jieħdu f’idejhom l-Indo-Ċina, u l-Ingliżi iwettqu l-kolp ta’ stat bl-għajnuna tal-forzi navali tagħhom kontra l-gvern ta’ Mossadeq fl-Iran għax dan innazzjonalizza l-għelieqi taż-żejt li kienu f’idejn il-BP.

U xi ngħidu għall-gwerra ta’ Swejz meta Nasser, il-mexxej ta’ l-Eġittu, innazzjonalizza l-Kanal tas-Swejz.

Għalina t-tħassib jikber hekk kif il-gvern Nazzjonalista qiegħed jerġa’ jagħmel lil Malta bażi tal-forzi militari tal-pajjiżi tan-NATO. Ħafna minna għadna niftakru l-Gwerra tas-Swejz u naraw l-ajruplani Canberras u Valiants jittajru minn hawn biex imorru jibbumbardjaw Lixandra, il-Kajr u bliet oħra Eġizzjani. Minn Malta ntefgħu mijiet ta’ bombi kbar fuq il-poplu Eġizzjan.

Ta’ min jgħid li l-pajjiżi tan-NATO għadhom pajjiżi mperjalisti għalkemm il-lum ma jużawx dik il-kelma. Il-lum l-imperjaliżmu tagħhom huwa ekonomiku u jagħmlu minn kollox - inklużi gwerer - biex jiżguraw li r-riżorsi taż-żejt tal-pajjiżi tat-Tielet Dinja jibqgħu f’idejn il-kumpaniji multi-nazzjonali, li huma il-vera sidien u jiġbdu l-ispag ta’ dawn il-gvernijiet li m’humiex ħlief pupazzi.

Bħalissa għaddej l-aħħar assalt imperjalista biex jaħtfu ż-żejt u l-gass tal-Libja.

Minkejja t-tidwir kollu tal-kliem użat mill-midja qaddejja, Malta ntużat u għadha tintuża bħala bażi tal-forzi tan-NATO f’din il-gwerra. Ir-riżultat għadu nċert fis-sens li wara li Gaddafi jitlef, ma jafux x’forma ta’ gvern se jkun hemm.

Qegħdin jagħmlu minn kollox biex ikun hemm gvern qaddej, imma jekk ikun hemm wieħed fundamentalista, m’hemmx dubju li bastimenti bħal HMS Albion mimli suldati jużaw l-portijiet ta’ Malta “biex jissaħħu r-relazzjonijiet tar-Renju Uniti fil-Lvant Nofsani”.

U nerġgħu nistaqsu: “kif se jissaħħu r-relazzjonijiet tar-Renju Unit fil-Lvant Nofsani” bil-preżenza u l-użu ta’ bastiment setgħan tal-gwerra? U x’parti se tilgħab Malta?

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri fuq bażi personali tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá Maltija permezz ta’ attiviżmu minn perspettiva xellugija, b’emfażi fuq il-prinċipji ta’ l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta’ ekoloġika.***

***Kull korrispondenza lill-Għaqda Żminijietna għandha tintbagħat fl-indirizz PO Box 35 Sliema fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta’ l-Għaqda Żminijietna.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta’ kull tliet xhur ta’ l-Għaqda Żminijietna. Disinn: KoPri Koperattiva Ltd. Stampar: Union Print, Marsa.**

# Sistema Ekonomika F`Salib it-Toroq

*minn A.Pert*

Il-gwerra dinjija tal-1939/45 ħalliet straġi tremenda ndustrijali, ekonomika u soċjali, speċjalment fil-pajjiżi nvoluti fit-taqbid u milquta mill-bumbardamenti. L-industriji kienu mfarrka, u li fadal minnhom kien konvertit għall-produzzjoni tal-armamenti, li ma l-armistizju spiċċa l-użu tagħhom. Spiċċaw ukoll l-impjiegi fis-servizzi tal-gwerra. Ħafna bliet spiċċaw borġ ġebel. L-ekonomiji nazzjonali ġew spulpjati, u l-muniti tal-pajjiżi telliefa ma baqgħux jiswew lanqas daqs il-materjal li kienu stampati fuqu. F’dan il-kwadru miżerabbli, l-qgħad kiber iżjed malajr u abbundanti mill-ħaxix ħazin, u l-faqar sploda u żied it-theddida tal-ġuħ madwar l-Ewropa u l-Asja.

Il-popli hekk milquta, u l-pajjiżi li jiddependu mill-kummerċ magħhom, kif setgħu jirkupraw minn dik id-disgrazzja katastrofika? Mixgħufa mill-għaks kbir li ġabilhom l-istaġnar ekonomiku ta’ wara l-gwerra l-kbira tal-1914, l-Amerikani din id-darba ħarġu bl-iskema tal-“Marshall Aid”, li tiffinanzja l-bini mill-ġdid ta’ l-industrija u l-ħsarat strutturali u soċjali fil-pajjiżi diżabilitati mill-gwerra.

Irraġunaw li l-ekonomija tagħhom tiġġammja jekk ma jitqajjimx mill-ġdid il-kummerċ mal-ekonomiji li issa kienu falluti. In fatti b’dak l-istimolu, l-ekonomiji reġgħu ħadu l-ħajja, u fi ftit snin issaħħew tant, li mkien ma baqa’ persegwitat bil-miżerja ħarxa (the great recession), li kienet esperjenzata wara l-ewwel gwerra tal-1914/1918.

Mhux se nidħol fl-argument ta’ kemm il-gwerra tista’ tkun parti mill-għodda li titħaddem b’idejn maħmuġin fis-sistema ekonomika kapitalista. Irrid biss nuri kemm dak ir-raġunar tal-“Marshall Aid”, jista’ jkun relevanti għall-istraġi ta’ l-istess natura u ta’ dimenzjoni akbar li għandna llum, li hija kawżata mill-bumbardament tal-fallimenti ta’ l-aqwa ekonomiji tas-sistema kapitalista. Peró issa rridu sorsi differenti ta’ “aid” għax ebda Stat m’għadu jista’ jiffinanzja l-forma ta’ soluzzjoni “Marshall”.

Bdejna bi gvernijiet jippumpjaw biljuni ta’ dollari biex isalvaw banek kbar falluti. Imbagħad bdew joħorġu triljuni biex isalvaw gvernijiet oħra mill-falliment. Waqt li dawk l-interventi ma tantx jidher li qed ikollhom suċċess, dawn il-flejjes tal-“bail outs” għad iridu jitħallsu lura miċ-ċittadini ta’ l-istati li ħaduhom, u ta’ dawk li ħarġuhom għall-banek tagħhom stess. Il-prattiċi fiskali tas-sistema jitfgħu l-akbar piż ta’ dak il-ħlas fuq iċ-ċittadini li l-inqas jifilħu jħallsu. Vera forma ta “aid minn imnieħer iċ-ċittadini”. Il-miżuri ta’ awsterita` jkomplu jgħafsu lil istess nies, u jmewtu l-kummerċ, u jiskarsaw ix-xogħol dinjituż, u jistaġnaw l-ekonomija. Jidher li dan l-attentat għas-soluzzjoni daħħalna f`ċirku vizzjuz, b’futur mill-iżjed instabbli u dubjuż. Is-sistema tinsab f’salib it-toroq.

Dan huwa riżultat ta’ politiċi u teknokratiċi li b’diżonesta mexxew is-sistema għal dan l-istat. X’soluzzjoni tistenna mill-istess nies indixxiplinati u rresponsabbli li waslu s’hawn? U x’rimedju nistennew mill-istati f`sistema falluta globalment? Nibża’ wkoll li l-maġġoranza, partikolarment il-ħaddiema, għadhom ferm il-bogħod minn dik is-solidarjetá globali meħtieġa għal soluzzjoni komuni politika.

Għaldaqstant f`dawn iċ-ċirkustanzi jeħtieg l-ewwelnett reviżjoni li tassigura mmaniġġjar serju tas-sistema finanzjarja nternazzjonali, li tkun akkumpanjata minn verżjoni ġdida ta “Marshall Plan”, iffinanzjata mill-biljunarji li bil-fondi tal-istati li ġew akkumulati f’idejhom, jifilħu u jaqblilhom iħallsu, biex sistema ekonomika riformata tiffunzjona bi profitt raġonevoli għalihom u b’avvanzi soċio-ekonomiċi xierqa għas-soċjetá kollha.

Pass progressiv f`din id-direzzjoni sar dan l-aħħar mill-biljunarji Franċiżi, li ħarġu bis-suġġeriment li jħallsu rati ogħla ta’ taxxi biex jgħinu lil-pajjiżhom fid-diffikultajiet finanzjarji u ekonomiċi tiegħu. Il-problema nternazzjonali tista’ tittaffa ħafna u tidħol fit-triq tas-soluzzjoni bla bżonn ta’ bail-outs li jitħallsu lura, kieku l-biljunarji/miljunarji tal-pajjiżi kollha ma jkomplux jevadu biljuni ta’ taxxi kull sena. Minbarra li jwaqqaf l-emoroġija ta’ dawn l-evażjonijiet, kull stat għandu dmir li jintaxxa b’iżjed rati għolja lis-sinjuruni li akkumulaw poter ekonomiku ta’ stati żgħar setgħana, fl-istat nazzjonali fallut.


**Akkwista Koppja tal-Gazzetta Żminijietna**

| | |
|---|---|
| Isem: | Kunjom: |
| Indirizz: | |
| | Post Code: |
| Emejl: | |
| Sena ( €5 ): | Sentejn ( €10 ): |

**P.O Box 35 Sliema. SLM1000**

# "Nuqqas ta' viżjoni fl-istrateġija ta' l-enerġija"



Martin Galea De Giovanni llum jokkupa l-kariga ta' Ċerpersin ta' *Friends of the Earth Malta* (FoEM). L-Għaqda ilha mwaqqfa mill-1985 bl-isem ta' Żagħżagħ Għal Ambjent, li wara l-isem sar Moviment Għal Ambjent. "F'1990 ingħaqadna ma *l-FoE International* u b'hekk bdejna nissejħu *Friends of the Earth Malta*. Sirna parti minn network kbir ta' NGOs imferrxin f'77 pajjiż differenti. F'pajjiżi oħrajn l-għaqdiet jiffaċċjaw ostilitá mill-awtoritajiet tal-pajjiż" qal De Giovanni f'intervista ma' Żminijietna.

L-għaqdiet biex jissieħbu ma' *FoE International* jridu jkunu attivi fuq livell nazzjonali u jkunu ndipendenti mill-Gvern. L-attiviżmu ta' *FoE International* jvarja f'kull pajjiż rispettiv. Eżempju fl-Amerika Latina, il-fokus huwa iktar fuq *indigenious rights, workers rights u social justice*. Din il-varjazzjoni u diversitá fl-attiviżmu u l-kampanji hija ta' benefiċċju għax toħloq network ta' xi ħaġa akbar. Din id-diversitá tagħtina aċċess għall-informazzjoni u esperjenza wiesgħa u profonda. FoE fil-kampanji tagħhom jagħtu ħafna każ il-ġustizzja soċjali fil-politika ambjentali.

***X'ġiegħel l-Għaqda tagħkom f'Malta biex mill-kampanja għall-bidla fil-klima timxu lejn kampanja dwar l-Ikel, meta l-kwistjoni tal-bidla fil-klima għadha fil-bidu tagħha?***

Fil-veritá se nimxu bil-mod il-mod lejn dan l-qasam. Infatti fl-ewwel sena se niffokaw speċifikament fuq il-kwistjoni ta' *Bio fuels* u l-kwistjoni ta' *Food miles* li tnejn huma relatati mall-problema tal-bidla fil-klima. *Food miles* qed nirreferu għal ammont ta' enerġija li trid biex twassal prodott minn pajjiż għal ieħor, meta nistgħu nippromwovu aktar il-prodott lokali. Dan ikun ta' benefiċċju wkoll sabiex nżiedu x-xogħol u nsaħħu l-ekonomija Maltija.

Għar-rigward ta' Malta għadna qed nistennew il-Gvern joħroġ il-liġi dwar il-bidla fil-klima'*Climate change bill'*. Nemmnu li din fl-aħħar mill-aħħar trid tidħol. Il-Gvern sa llum ma jridx jdaħħalha bl-iskuża li r-rapporti huma aktar mportanti minn liġi. Il-problema li naraw hi li jekk ir-rapporti jsiru u jibqgħu fuq l-ixkaffa, jkun kollu għalxejn, u filfatt hekk qed isir. Sa llum saru diversi rapporti li trattaw l-istrateġija għall-bidla fil-klima, imma ftit li xejn l-Gvern ta' kashom. Qed nistennew ukoll biex issa joħroġ it-tieni rapport, minn tlieta, "*National Climate Change Adaptation Strategy"*

Huwa ta' għajb li ma ġejniex avviċinati biex nkunu fuq il-kumitat għall-bidla fil-klima, meta aħna l-uniku NGO li ffukat il-kampanji tagħha fuq dan il-qasam, u ngawdu minn informazzjoni utli.

***Taħsbu li l-Gvern għandu direzzjoni f'dik li hi enerġija Nazzjonali?***

Jekk hemm direzzjoni, minn dak li qed isir ma tantx jidher li hi direzzjoni tajba. Malta għadha kif investit f'impjant li jaħdem bil-*heavy fuel oil* meta sa 2020 l'EU qed tistenna li Malta tipproduċi 10% mill-konsum tagħha minn sorsi alternattivi.

F'dak li hu nvestiment fl-użu tal-gass, għalkemm dan hu sors iktar nadif minn HFO, dan xorta mhux sors rinnovabli. Wieħed irid jiftakar wkoll l-fatt li *power station* tal-Marsa trid tingħalaq. Dawn il problemi kollha juru n-nuqqas ta' viżjoni fir-rigward ta' l-istrateġija nazzjonali tal-enerġija.

Fuq din naraw problema kbira għalfatt li l-konsum ta' l-enerġija f'din l-aħħar sena reġa' żdied u fl-istess ħin il-Gvern hu marbut li jagħlaq l-*power station* tal-Marsa. Din il-problema li qed niffaċċjaw konna ilna niġbdulu l-attenzjoni fuqha lill-Gvern. L-ewwelnett ma nistgħux nibqgħu nħallu proġetti kbar jinbnew u ma jkunux *energy efficient*. Mill-banda l-oħra naqblu mal-politika ta' *grants* sabiex ninċentivaw aktar l-investiment f'sorsi oħra ta' l-enerġija.

***Imma meta qed tgħid li taqblu mal-politika tal-grants, il-fatt li ħafna mill-bjut mhux aċċessibli jew ma' ġenb l-istess bejt hemm bini għoli li jagħmilha diffiċli biex isir investiment f'panelli solari jew fotovoltajiċi, ma taħsibx allura li din l-proposta ta' għoti ta' grants hi diskriminatorja?***

Sa llum f'Malta il-kunċett ta' *solar rights* ma jeżistix, fejn il-persuna jkollha dritt għal aċċess għal investiment fl-enerġija rinnovabli. Jiġifieri din f'Malta trid tidħol u allura dana jobbliga, biex l-ippjanar f'dak li hi proprjetá jieħu nkonsiderazzjoni dan id-dritt.

Għal dawk li ma għandhomx aċċessibilitá, il-Gvern jista' joffri l-ispazju ta' bini pubbliku, biex dawn bħall-oħrajn jingħataw iċ-ċans li jistgħu jinvestu f'pannelli fotovoltajiċi. L-enerġija li jipproduċu tmur kollha fil-grid tal-gvern *(feed in tariff)* u l-gvern inaqqasilhom mill-kont. Jidher li l-Gvern għadu kemm beda jiddiskuti dawn id-drittijiet wara li saret mistoqsija parlamentari fuq dan ir rigward kmieni din is-sena.

***Taqbel mal-kunċett ta' l-'eco socialists' li biex tittħares il-ġustizzja soċjali l-Gvern jkun hu li jinvesti f'enerġija rinnovabbli?***

Kif ġa semmejt qabel hemm diversi soluzzjonijiet, imma din li qed issemmi inti tista' tkun waħda minnhom ukoll, għala le. Tajjeb imma li l-Gvern isir aktar effiċjenti.

***Fir-rigward tal-prezz ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, vera li prezz hu ogħla minn dak konvenzjonali?***

Il-prezzijiet internazzjonali dejjem ivarjaw, anke taż-żejt. Fil-preżent vera li jekk ninvestu f'enerġija li tiġġedded ser tkun aktar għolja, imma l-fatt li f'Malta ser nipproduċu xi 3 jew 4% ta' dik li hi enerġija rinnovabbli, allura l-impatt f'dik li hi differenza fil-prezz mhux ser tkun daqshekk kbira. Eventwalment jekk il-prezz taż-żejt ser jibqa' jogħla allura iktar u iktar ser jkun vijabbli li tinvesti f'enerġija li tiġġedded. S'intendi qabel dana kollu tajjeb li nkomplu nżiedu f'dik li hi effiċċjenza, billi nedukaw lill-poplu jnaqqas kemm jista' f'dak li hu konsum. Fil-fatt konna ħejjejna proġett 'Dawl' ma' familji bi dħul baxx fil-Kottonera sabiex ngħinuhom jnaqqsu fil-konsum. Wieħed jista' jikseb iktar informazzjoni fuq dan il-proġett, mill-website : http://www.foemalta.org/home/index.php/dawl




***Imma taħseb li hemm familji li qed jnaqqsu l-konsum askapitu ta' livell ta' l-għixien, li jfisser li dawn qed inaqqsu l-konsum għax qed isibuha diffiċli biex iħallsu l-kontijiet, u x'taħseb dwar il-konsum bażiku, għandu jkun protett?***

*Energy poverty* hija problema madwar l-Unjoni Ewropea, l-Ingilterra huwa każ tipiku. Nemmen li kullħadd għandu jkollu l-ammont bażiku garantit, u dan hu fi dmir tal-Gvern li jibqa' jissalvagwardjah. Is-sistema preżenti li ddaħħlet fl-aħħar baġit hi xi ħaġa hekk fejn jekk tuża ċertu kwota tħallas bi prezz mod u jekk taqbeż il-kwota tħallas bi prezz iktar. Sussidji fuq l-enerġija din ma naqblux magħha għax b'hekk tkun qed tinċentiva aktar il-ħela. Ma' għajnuna li tgħin lil dawk vulnerabbli bħala għaqda naqblu magħha.

Fir-rigward ta' dak li hu konsum bażiku imma rridu naraw x'qed nifhmu u x'jinkorpora l-konsum bażiku, eż li bniedem jixgħel l-*air condition* jaqa' taħt konsum bażiku?

***Mal-kwistjoni tal-Enerġija toħroġ ukoll l-kwistjoni ta' l-Ilma. X'inhi l-pożizzjoni tagħkom fuq din ir-riżorsa, meta s-settur privat, turistiku, agrikolu, tal-kostruzzjoni u dak domestiku jiddependu ħafna minn din ir-riżorsa biex jibqgħu jeżistu?***

Il-kwistjoni ta' l-ilma hija mportanti ħafna. Fil-fatt aħna minħabba nuqqas tar-riżorsi li għandna bħala għaqda qed nħarsu lejn il-kwistjoni ta' l-ilma, biss, minn lenti tal-ikel, l-aktar għal dik li hi produzzjoni tal-majjal f'Malta fejn aħna tal-fehma li hi waħda nsostenibbli. "Qed nippromwovu industrija li għall-ammont ta' ilma li tikkonsma ma tagħmilx sens, l-aktar f'dak li hu tindif. B'mod aktar simplistiku biex nipproduċu kilo laħam tal-majjal irridu ammont kbir ta' ilma".

L-istess l-agrikoltura qed tikkonsma ammont kbir ta' ilma. Fuq din naqblu ħafna ma' l-argument li jibda jintuża l-ilma ta' tieni klassi, qed nirreferu għal dak l-ilma li sa llum qed jispiċċa kollu fil-baħar wara li jgħaddi mill-proċess ta' tindif mill-impjanti ta' drenaġġ. S'intendi dana jitlob investiment kapitali, imma tajjeb li bħala pajjiż nilħqu din il-mira.

***Dan l-aħħar sentejn bdiet tidħol fis-seħħ ir-riforma tal-MEPA. Riforma li naħseb kullħadd jaqbel li kellha ssir. Taqblu mar-riforma u taħseb li wasslet għar-riżultati pożittivi?***

Fir-riforma kien hemm affarijiet pożittivi, imma xorta jibqa' l-kwistjoni ta' ODZ. Il-MEPA trid tiddeċiedi fuq din il-kwistjoni. Ma nistgħux nibqgħu jkollna Awtoritá bħal MEPA li tibqa' tibgħat messaġġi kontrastanti.

Fuq il-kwistjoni tal-pompi tal-petrol, għalfatt li nifhmu li tajjeb li jkun hemm rilokazzjoni ta' pompa ta' petrol minn żona urbana għal waħda rurali, imma għandna għalfejn minn pompa ta' petrol żgħira, nagħtu permess biex tinbena waħda massiva. Nieħdu eżempju dik ġewwa ta' Buqana u l-oħra f'Attard viċin l-Isptar Monte Carmeli. Riċenti kien hemm applikazzjoni għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol mill-pjazza ta' l-Imġarr għal żona ekoloġika, din għalina mhiex aċċettabli. Filfatt il-proposta hija waħda massiva. Nistaqsi għandna nagħtu permess għal oħrajn ġodda, meta Malta hi ċkejkna u miżgħuda bil-pompi tal-petrol?

***Rigward proprjetá. Il-fatt li għandna ħafna proprjetá vojta, bini żdingat u anke ta' periklu. Eż tipiku hu l-bini li hemm fejn il-ġnien ta' l-Istazzjon ta' B'kara, fejn il-faċċata ta' dan il-bini qiegħda f'sitwazzjoni mwiegħra li tista' tegħleb għal fuq in-nies. X'taħseb li għandu jsir f'dan ir-rigward?***

***(Ikompli f'paġna 5)***

# Friends of the Earth Malta

*(Jaqbad minn paġna 4)*

Jien nissimpatizza ma' dawk in-nies li minħabba n-nuqqas ta' rieda tajba mill-Awtoritajiet qegħdin jgħixu ta' kuljum f'riskju. Aħna bħala għaqda naqblu l-ewwelnett ma taxxa fuq il-bini vojt, l-aktar fuq dawk li jridu jħallu l-proprjetá vojta għal fini ta' spekulazzjoni jew minħabba kwistjoni familjari. Taxxa żgur ser tgħin biex tibda tiġi ndirizzata din il-problema.

***Imma f'każ li l-bini jkun ta' periklu, għandu l-Gvern jintervjeni hu direttament b'miżuri iebsa kontra s-sidien?***

Naqblu li tittieħed xi azzjoni, imma mhux li l-Gvern jieħu l-proprjetá f'idejh, għalkemm nifhem il-periklu serju li ta' kuljum qed jiġu esposti għalih in-nies li jgħixu fil-madwar mingħajr ma jkunu jafu, kif ukoll f'ħafna drabi s-sit jispiċċa *'dumping zone'*. Tajjeb ukoll li għal dak li hu ħruġ tal-permessi għall-bini ġdid, il-MEPA tara li l-bini jkun konformi ma' dik li hi effiċċjenza fl-enerġija, *'energy efficient'*.

***Rigward Transport f'Malta, il-fatt li f'Malta l-ammont ta' nies jagħmlu użu mill-karozza privata tagħhom qiegħed kullma jmur dejjem jiżdied, x'taħseb li għandu jsir?***

Bħala għaqda naħsbu li r-riforma fit-trasport pubbliku kienet ta' bżonn biex nindirizzaw il-problema ta' traffiku f'Malta u t-tniġġiż. Nisperaw imma li din taħdem kif suppost. Rigward konsultazzjoni, naħsbu li ma kienx hemm bis-serjetá. Nisperaw li fir-riforma jinkludu aktar buses żgħar sabiex is-servizz jkun aktar effiċċjenti.

Naħseb li jekk il-Gvern joffri alternattiva vera għal dak li hu transport privat, u bir-riforma ta' transport pubbliku hekk jidher li ħa jsir, allura dak l-individwu li jrid jibqa' juża l-karozza privata tiegħu 'bħala kapriċċ', allura naqblu li dan għandu jiġi ppenalizzat. Issa sta għal Gvern li jara kif, imma hemm diversi soluzzjonijiet fosthom li jew jogħla aktar il-prezz ta' fuel jew nkella l-karozza tintuża biss fil-ġranet tagħha. L-Italja għandhom sistema ta' *number plates*. Il-kumditá ta' l-karozza qed neħduha wisq b'mod assolut, din hi kwistjoni wkoll ta' kultura. S'intendi nifhem li sa llum ma kienx hemm alternattivi. Allura għalhekk tajjeb li jkun hemm alternattiva. Rigward ħin tax-xogħol, hemmhekk ukoll għandu jsir xi ħaġa, li naqblu hu li din il-kwistjoni għandha tittieħed in konsiderazzjoni, eż f'ċertu pajjiżi għandek il-*walking bus,* fejn din tiġbor l-istudenti kollha minn quddiem il-bieb ta' dar sa l-bieb ta' l-iskola. Imbagħad hemm l-argument ta' *reduced hours, teleworking,* imma dan huma oqsma li mhumiex eżattament fil-kompitu tagħna.

***Niġu għall-problema tal-iskart, fejn dan għad hemm problemi kbar, l-aktar f'dak li hu ġbir ta' skart mis-settur privat. X'taħseb li għandu jsir?***

Fil-fatt ma' ġenb fejn noqgħod jien hemm bar u ħanut tal-merċa u tnejn li huma ma jisseparawx l-iskart għar-reċiklaġġ, imma jmur kollu ma' l-iskart ta' dar. L-istess għal dak li hu settur domestiku, naħseb li għad fadal biex tintlaħaq il-figura ta' 50% ġbir ta' reċiklaġġ mid-dar sa 2020. Li jrid isir żgur hu aktar inforzar u edukazzjoni. L-idea li tippenalizza għandha tkun l-aħħar soluzzjoni, imma naħseb li din fl-aħħar mill-aħħar ser jkollha tidħol għax issa għadda żmien wisq u l-poplu żgur ma għandux skuża li mhux infurmat.

Bħala FoE naqblu li terġa' tidħol fis-seħħ sistema li tqarreb lejn dik li kien hemm qabel ma dħalna fl-Unjoni Ewropea, qed nirreferu għas-sistema ta' ġbir ta' flixken tal-ħġieġ, fejn il-persuna kienet tagħti lura l-flixkun lil tal-ħanut u hu jagħtiha flus tal-vojt. F'dal-każ l-FoE temmen li għandha tidħol sistema bħal din fuq dawk ir-riċipjenti vojta. S'intendi din trid tkun maħduma flimkien mas-settur privat, li sa llum jidher li ma jridx iħaddimha. Barra minn Malta hemm sistema ta' magni fejn il-persuna titfa' l-bottijiet ta' landa, '*aluminium cans'* fil-magna u l-magna ittik il-flus. Kull landa li tiġi riċiklata tkun qed tiffranka enerġija ekwivalenti għal nofs gallun petrol.

***Xtaqt nagħlaq l-intervista billi nsaqsi lilek, min hu dak il-blokk, fuq livell Ewropew li l-FoE International issib appoġġ u kooperazzjoni?***

Fuq livell Ewropew ix-xellug huwa l-aktar viċin in-nies, filwaqt li lemin huma aktar ħbieb tal-kumpaniji kbar u multinazzjonali. Il-Grupp tal-ħodor u Xellug huwa l-aktar grupp li l-*FoE International* issib appoġġ biex jressqu l-quddiem l-proposti tagħhom. S'intendi dana ma jeskludhiex il-fatt li fuq ċertu direttivi ġieli fazzjonijiet tal-lemin taw l-appoġġ ukoll.

Iktar tard din is sena ser inniedu il-kampanja tagħna dwar l-ikel. Min ikun irid jixtieq jissieħeb ma' FoE Malta nħeġġuh jagħmel hekk billi jibgħat emejl lil *info@foemalta.org,*

# Tyrants Rob Their People of All Hope

A reflection by
**Sammy Camilleri**,
Ontario, Canada

Mohamed Bouazizi, who lived all his life in a small town in Tunisia, committed suicide there because he had lost all hope. His ambition to go to University was thwarted early in his life and his intention to help his sisters to get there couldn't be realized.

From the age of 10 he had to help feed the family by selling fruit in the Street. The police harassed him, repeatedly confiscating his wares, probably because he couldn't afford the bribe that would buy his peace.

When one day last December a policewoman humiliated him and tossed aside his cart, it all became too much. He doused himself with gasoline in front of a government building and set himself on fire. Some two weeks later he died from his wounds. It was act of desperation, not depression.



The news spread through the internet and his fate became a symbol of the sense of hopelessness of millions of his contemporaries. It's said to have triggered the revolutions in Tunisia and Egypt, and soon no doubt elsewhere.

Bouazizi became a role model for all who had lost all hope and would choose death, not because they want to be heroes but because Tyrants have denied them the right to be human and robbed them of the incentive to live.

Hope is a way of imagining the real. When abusive powers block such imagination, life becomes worthless. If faith enables us to affirm the present, hope points to the future, which always includes living with others. Bouazizi learned to accept his own miserable lot with reported god cheer, but when he could no longer discharge his responsibilities that brought some hope to his family, his life lost all meaning.

Charles Elliot Vernoff, an American Scholar has written that *"Faith inclines toward patient and passive waiting, hope toward urgent and active expectancy. Faith abides in the awareness that only God's act in decisive; hope recognises that humans, too, must act responsibly with God's help to afford God the raw materials for him to dispose providentially."*

The regime of the now deposed Tunisian President deprived Mohamed Bouazizi of all initiative and thus rendered his life hopeless. If faith is about Religion, hope is about politics. To be with God, we need faith. To live in the world, we need hope, which we usually derive from society shaped by the Governments that rule us.

*When they feed only the powerful and starve the rest, be it under the pretext of national security and economic necessity or out of cynical callousness, people are deprived of hope and some are driven to self-destruction.*

The victims can be found in many countries. When life seems hopeless, ending it as a final gesture of defiance becomes an option. Sometimes it means killing only oneself, as did young Mohamed. Often it involves acts of terrorism that kill many. The greatest disasters are caused by suicide bombers who orchestrate their own death to commit multiple murders.

Many of the young women and men involved in these activities come from good homes and have higher education. Yet the corrupt regimes in which they live have deprived them of finding work and buildings homes of their own. Faith alone can no longer sustain them. Tough no political system can bring hope to all, a society like ours that protects individuals as they shape their future come close. That privilege obligates us to celebrate our good fortune by showing solidarity with all who dare imagine the real and turn despair into protest. There's comfort in the knowledge that the death of Mohamed Bouazizi may not have been in vain.

***Photo shows a scene in Tunis streets during the revolution, where Che Guevara was an inspiration for Tunisian youths***

# The psychological policeman

I consider the clergy as psychological policemen. They influence the masses to behave were actual policemen would find it difficult to do so.

However many of the clergy, not in Malta, propagate hate and death to persons of other religions. How long are we to suffer religious conflict? The clergy wear the dress of piety, as such a thing is a must, but some of them are far from pious.

Politicians are afraid to antagonize the clergy as they do not want to loose their psychological influence on the masses.

However at present some clergy are doing more bad than good. Also when the masses are scientifically educated most of them abandon the teaching of the clergy and with it the moral education that they got from the clergy and so the country in question is worse of. What I suggest is that the United Nations should formulate a moral education plan free from any religion and enforce it in schools from kindergarten level.

There shouldn't be any religious schools. There should be only ones that teach religion as the only subject and they should not start teaching until the child is twelve years old and only for half an hour a week.

The non practicing individuals are at a disadvantage as they have no or very few leaders. Though they make up large numbers they are not organized. The religious people on the other hand have fanatic leaders with great powers of organization.

If the system suggested here is implemented the moral code would last a life time and religious conflict would disappear.

Josephine Gatt-Ciancio
Kalkara

# COLA: il-liġi li tirregola ż-żidiet għall-għoli tal-ħajja

Id-diskussjoni pubblika dwar ir-Riforma tal-COLA ittellgħet fid-9 ta' April 2011 ġewwa 60a, Triq id-Dejqa, l-Belt Valletta u kienet it-tmintax mis-sensiela ta' diskussjonijiet pubbliċi dwar temi politiċi u soċjali li qed jiġu organizzati minn Żminijietna.

Il-kelliema prinċipali kienu Michael Parnis (GWU), Jesmond Bonello (UHM), Michael Pace Ross (Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika) u Benny Borg Bonello (Għaqda tal-Konsumatur). Mexxa d-diskussjoni l-ġurnalista James Debono.




*Micheal Pace Ross* beda diskussjoni billi ta' rendikont ta' kif jinħadem il-mekkaniżmu tal-COLA minn l-att ta' statistika. Semma li meta pajjiżna addotta l-Euro, kienet ittieħdet id-deċiżjoni f'2008, li jsir *Household Budgetary Survey* ieħor. L-aħħar wieħed li kien sar kien fi sena 2000.

Il-HBS jsir billi jiġi kkalkulat il-konsum, f'dik li hi nefqa ta' kuljum, ta' 3,700 *household* li hu l-ekwivalenti ta' 10,000 persuna. Dawn 3,700 *household* jirrappreżentaw l-popolazzjoni Maltija. Kull familja li tipparteċipa fis-servej tkun trid tniżżel ta' kuljum kullma tonfoq għal ġimgħatejn shaħ. Fl-aħħar tas-sena l-informazzjoni tinġabar kollha u l-konsum jiġi kklassifikat f'kategorji u minn hemm noħorġu l-persentaġġi *'average basket of consumption'*, għal dak li hu konsum ta' l-ikel, transport, enerġija, ħwejjeġ, mediċina etc.

***James Debono staqsa jekk hemmx il-hsieb li Household Budgetary Survey jibda jsir aktar spiss?***

*Michael Pace Ross* qal li fil-maġġoranza tal-pajjiżi l-*HBS* ma jsirx regolarment, imma hemm pajjiżi oħra li jagħmluh regolarment, isejħulu *'rolling household budgetary survey'*, fejn ta' kull sena jsiru l-aġġustamenti. Xejn ma jeskludi li fil-futur f'Malta il-*HBS* jibda jsir aktar ta' spiss. Bħalissa dana jsir kull 5 snin.

Tajjeb ninnotaw wkoll li hemm ċertu nfieq li ma jiġix maqbud mill-*HBS*. Dan l-fenomenu nsejħulu '*under reported*', bħal l-infieq fuq l-alkoħol, s-sigaretti, droga u prostituzzjoni. (Dana minħabba l-illegalitá ta' l-istess prodott. Fattur ieħor hu li persuna f'ħafna drabi tiddejjaq tgħid li tikkonsma dak l-ammont, allavolja teżisti sekretezza assoluta fis-servej). L-*NSO* tosserva wkoll il-bidliet fil-prezzijiet ta' 9,000 prodott, l-aktar li jiġu kkonsmati mill-konsumaturi Maltin. *(Ma' dawn hemm nkluż l-ilma, d-dawl u l-gass)*

Tkellem ukoll *Benny Borg Bonello mill-għaqda tal-Konsumaturi* fejn qal li l-konsumatur jħares lejn l-għoli tal-ħajja b'mod differenti, kollox jiddependi minn kemm ikollu x'jonfoq. Hemm affarijiet li jinxtraw ta' kuljum u hemm oħrajn le, imma dawn wkoll jġorru ċertu piż fuq il-paga, eż ix-xiri ta' karozza, insurance, etc. L-istatistika turi li l-konsum ta' l-ikel naqas. Niftakar qabel dan kien jlaħħaq 40% tal-paga. Ilum dan niżel għal 21.5%. S'intendi kull mekkaniżmu għandu d-difetti. L-*HBS* turi biss it-tendenzi li jkun qed iseħħu f'dak li hu nfieq.

***James Debono staqsa lil Unjins jekk humiex sodisfatti bil-mekkaniżmu tal-COLA.***

*Michael Parnis (GWU)* qal li jekk issaqsini jekk aħniex sodisfatti, ngħidlek li le. S'intendi kieku m'għandniex il-COLA nkunu agħar. Imma żgur li għad baqa' affarijiet xi ntejbu fil-mekkaniżmu. Tajjeb ninnotaw li l-konsum ta' l-ikel jlaħħaq 20% ta' dak kollu li jiġi kkonsmat f'Malta. F'dak li hu ħwejjeġ u żraben il-konsum huwa ta' 7.1%. L-enerġija hi ta' 3.36% u l-mediċini 3.21% etc. Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja tinħadem fuq dik li hi l-inflazzjoni. Il-ħaddiema dejjem qed jieħdu ż-żieda għall-għoli tal-ħajja b'sena b'lura. Jiġifieri l-kumpens għall-għoli tal-ħajja mhux wieħed realistiku.

Importanti li kalkoli li jsiru biex tiġi stabbilita l-inflazzjoni jinħadmu bejn Jannar u Diċembru, mhux bħalissa bejn Ottubru u Ottubru tas-sena ta' wara. Id-differenza fil-prezz tkun l-aktar fl-ewwel perjodu ta' sena, filwaqt li fl-aħħar tas-sena l-prezzijiet jkunu stabilixxew ruħhom. Naqblu bħala Unjin li l-HBS jsir aktar ta' spiss. Il-fatt li ċertu konsum ta' prodotti ma jiġix irrapurtat taħdem kontra l-istess ħaddiem.

Tajjeb nikkunsidraw jekk l-pensjonanti għandhomx ikollhom HBS għalihom. Eżempju: hemm differenza bejn l-ammont ta' flus li jonfqu l-anzjani fil-mediċina u persuna oħra ta' etá iżgħar. Kompla biex qal li l-poplu Malti jonfoq 3.3% f'dik li hi enerġija, aħna naħsbu li l-poplu jonfoq ferm aktar.

*Michael Pace Ross* qal li din irridu noqgħodu attenti rigward li jkun hemm HBS separat għal anzjani għax dana jaf jaħdem bil-kontra. Kull anzjan għandu l-bżonnijiet individwali tiegħu li jvarjaw minn wieħed għal ieħor.

*Jesmond Bonello,* UHM qal li jaqbel mas-suġġeriment li l-HBS għandu jsir aktar ta' spiss, għax iż-żidiet mhux qed jirriflettu b'mod realistiku. Naqblu wkoll li l-inflazzjoni tibda tiġi stabbilita bejn il-perjodu ta' Jannar u Diċembru. Din tnaqqas parti mid-diskrepanza li teżisti fiż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Tajjeb ukoll li ninnotaw li l-mekkaniżmu ta' COLA għadu qed jinħadem bil-munita Maltija, u għalhekk jeħtieġ li neqilbu l-kalkolu għal Ewro, sabiex r-riżultat finali jkun aktar realistiku.

*Jesmond Bonello* kompla billi qal li 1990 kien sar l-ewwel kalkolu tal-COLA, fejn minn dak inhar ġiet definita l-paga bażika, magħrufa bħala *minimum wage* (iddaħlet f'Malta 1974). Parallela miegħu kienet nħolqot id-definizzjoni tal-paga soċjali, li tinkludi fiha l-paga bażika u l-benefiċċji soċjali. Ir-realtá hi li l-affarjiet llum huma differenti minn dak iż-żmien, allura tajjeb li ssir analiżi tal-paga bażika. Tajjeb li jsir studju dwar ir-relattivitá tal-paga bażika ma' l-paga soċjali, sabiex din tirrifletti l-aspettattivi ta' llum. S'intendi jekk jirriżulta li l-paga bażika trid togħla sabiex tirrifletti d-dinja ta' llum, allura ż-żieda ta' COLA ser tkun aktar, għax fuqha jinħadem il-mekkaniżmu.

***James Debono: Kif nistgħu nikkonfrontaw il-fattur internazzjonali ta' żieda fil-prezz ta' l-enerġija u ċereali?***

*Michael Pace Ross* qal li biex nikkalkulaw dan, li jrid isir hu li jidħol fis-seħħ *'rolling household budgetary survey'*. La darba jinbeda imma, ma tistax twaqqfu. Dana jinvolvi ukoll ammont konsiderevoli tar-riżorsi umani u anke finanzjarji. Jiġifieri l-familji ser jkollok tintervistahom aktar ta' spiss. Il-fatt li numru ta' *households* f'Malta hu wieħed limitat, allura dana ser jkun ta' nkonvenjent għall-familji, minħabba li dan ser jiġu ntervistati aktar minn darba. S'intendi kull familja li toqgħod għall-intervista titħallas ta' dan.

***James Debono: L-Employers jħarsu lejn il-mekkaniżmu tal-COLA bħala aktar spejjez, x'taħsbu fuqha din?***

*Michael Parnis (GWU)* qal li dan huwa argument li dejjem jingħad minn Min iħaddem, imma kieku vera hekk, kieku llum lanqas għandna ħaddiema jaħdmu. Tajjeb ninnotaw li llum għandna tliet sistemi li bihom ntejbu l-livell ta' l-għixien tal-ħaddiema. Dawn huma l-COLA, il-ftehim kollettiv u l-'*wage increments'* li lkoll iżidu fid-dħul tal-ħaddiem. Fil-każ tal-COLA din ġabet stabbilitá industrijali. Fl-1974 din kienet ta' 10 liri Maltin *(minimum wage).* F'dawk iż-żminijiet kienet f'idejn il-Gvern li jiddeċiedi ż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja, bil-konsegwenza li kellna perjodu fejn il-Gvern daħħal il-'*wage freeze'*, (dan sar mill-1983 sa 1987 u anke fl-1989). Dan il-fenomenu wassal għall-instabbilitá industrijali fejn hemm kellna l-famuż każ ta' Phoenicia, fejn il-ħaddiema spiċċaw tilfu l-impjieg għax b'mod leġittimu strajkjaw sabiex huma wkoll jingħataw żieda fil-paga. Il-COLA jekk xejn ġabet armonija industrijali.

Suġġeriment tajjeb hu li nibdew nikkalkolaw iż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja ma' l-paga medja, li hi *l-average wage* tal-pagi kollha tal-ħaddiema f'Malta. Dan skond il-kalkoli tagħna jkun jfisser żieda doppja. Jiġifieri l-ħaddiem minn €1.16 fil-ġimgħa kien jieħu €2.32 fil-ġimgħa.

*Benny Borg Bonello* fuq dan il-punt qal li l-Gvern suppost hu regulator li jara li l-prezzijiet ma jogħlewx b'mod esaġerat, la għandek suq kompetittiv. Eż: minħabba li regulatur fil-qasam tal-gass m'għamilx xogħlu sew, kif suppost għandu jagħmel, spiċċajna farsa kbira għad-detriment tal-konsumatur. L-Awtoritajiet regulatorji mhumiex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom.

*Jesmond Bonello (UHM)* qal li rridu naraw għala ċertu prodotti qed jogħlew, f'bħal fil-każ tal-mediċina, għax allura jkun għalxejn li nitħabtu biex tingħata ż-żieda għall-għoli tal-ħajja biex mbagħad nibqgħu naraw żieda qawwija fil-prezzijiet essenzjali.

***(Ikompli f'paġna 7)***

## Id-diskussjoni dwar il-COLA

*(Jaqbad minn paġna 6)*

Minn fost in-nies preżenti għad-diskussjoni, Michael Camilleri qal li għandna nagħtu każ l-aktar mhux fuq kemm qed togħla l-ħajja imma kemm qed tiġi tiswilek. Eż jekk togħla l-ħobża u peress li din ta' kuljum trid tixtriha, allura ħa tonfoq aktar. Qal ukoll li tajjeb ninnotaw li fil-Patt ta' Governanza Ewropea hemm theddida qawwija wkoll għas-sistema tal-COLA u l-ftehim Kollettiv.

*Iż-żewġ rappreżentanti ta' l-Unjins* irrikonoxxew li l-Pakkett ta' Governanza hu theddida diretta għall-ħaddiema u l-familji tagħhom. Innotaw b'dispjaċir it-triq anti-soċjali li qabdet l-Unjoni Ewropea.

*Alfred Vella* saqsa jekk hux qegħdin nieħdu kollox b'mod xjentifiku. Jekk hu hekk allura x'inhu dak il-fattur li qed iġiegħel il-familji jnaqqsu fil-konsum ta' l-ikel. X'inhu dak il-fattur li qed iġiegħel in-nies inaqqsu fil-konsum ta' l-enerġija, hi waħda ta' responsabiltá jew minħabba fatturi soċjo-ekonomiċi tal-familja?

*Michael Pace Ross* rrimarka li l-ftuħ tal-*farmers market* u ta' aktar *discount supermarkets* żgur li se jħallu mpatt f'dik li hi statistika f'dak li hu konsum ta' l-ikel.

*Mario Mifsud* qal li rridu nsaħħu aktar l-mekkaniżmu tal-COLA billi nagħmluh aktar dinamiku. Ejja ma naqawx għall-iżball li ngħidu li bil jew minghajr il-COLA l-istess. Dan hu l-argument ta' dawk li bl-iskuża ta' globalizazzjoni u neo liberaliżmu jridu jkissru l-mekkaniżmu tal-COLA.

*David Pisani, PRO ta' Żminijietna – Leħen ix-Xellug* qal li tul dawn l-aħħar għaxar snin l-Unjoni Ewropea mbarkat lejn direzzjoni 'anti-soċjali' msejsa fuq il-ħsieb neo liberali. Ix-xogħol 'atipiku' jew f'kelma oħra prekarju qed wkoll jbaxxi l-livell ta' l-għixien. Irridu naħdmu sabiex l-paga minima togħla.

Fir-rigward ta' l-COLA u l-prezzijiet tal-enerġija, jkun aktar ġust jekk il-Gvern jagħti ħlas ta' darba lil kull familja, li tmur lura mill-1 ta' Ottubru 2010, kif ukoll kwalunkwe żieda fil-prezzijiet tal-enerġija għandhom ikunu riflessi b'mod realistiku fiż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja. Ħafna familji qed jagħmlu ħilithom biex inaqqsu mill-konsum tagħhom, iżda jibqa' l-fatt li l-konsum bażiku huwa essenzjali fil-ħajja ta' kuljum. Nħossu li huwa ġust li minħabba l-'means testing' ħafna familji bi dħul baxx u pensjonanti qed jkunu mċaħħda mid-dritt għal kumpens. Il-Gvern għandu jaddotta politika li tipproteġi l-konsum bażiku, filwaqt li tippenalizza l-ħela.

*(Riċenti l-Gvern ħabbar li 66, 000 persuna bi dħul baxx u dawk fuq assistenza soċjali ser jingħataw kumpens ta' darba li b'kollox ilaħħaq l-€4 Miljun. Fir-rigward ta' riforma ta' COLA sa llum għad ma tħabbar xejn).*

# Different but Equal

**Mary Anne Zammit**

He was robbed, beaten, tortured, tied up and left to die in a low freezing temperature. The motive behind the murder was because the young man was gay. Another trans-man was raped by a group of men after they discovered he was biologically female.

Around the world, LGBT individuals are still being subjected to the highest rates of violent hate crimes. Compared to the historical past, the current level of hate crimes may have slightly improved but it is still a concurrent reality for LGBT persons. There were times in history where homosexuals were severely penalized for their acts. Even in Western societies there were Laws allowing the death sentence for those who were homosexuals.

Other societies punished homosexuals by inflicting harsh torture and severe imprisonment. In many modern Muslims countries, including Saudi Arabia, Pakistan, Iraq and Sudan the death penalty is still being applied. Even so, in South Africa where lesbian women are being exposed to gang rape as this is consider an appropriate way of curing their lesbianism.

Most often, hate crimes directed towards LGBT people include harassment, verbal abuse, physical violence, sexual assault and even murder. It has been reported that many Transgender persons who experience these types of crimes do not report them for fear of humiliation and lack of understanding from the police. Victims of hate crimes may not even recognize that these insults or abuses are in fact crimes, but rather consider these actions as to be a part of the social circumstances emanating from the perception that LGBT persons are not part of normal society. Furthermore, victims of hate crimes tend to internalize this homophobia causing more suffering.

Other victims may not report the crime due to social stigma and the prejudice against LGBT persons. They might fear that this decision will help to identify them and therefore increase the risk of exposing their sexual orientation. The perpetrators may either be unknown to victims or they can be relatives, colleagues or even members of extremist right wing groups. Moreover, not all violence against LGBT persons can lead to murder.

There are also high rates of suicides committed by teens and young adults. The experience of bullying and harassment in schools or in other venues may impel these teens to commit suicide. At this stage, many drop out from school or skip classes because of bullying, harassment and even lack of understanding from their teachers. Rejection by their families can also be one of the grounds for committing such acts.

In other scenarios, LGBT people do not get jobs. In the case of transgender people they would be called Mr. because their identity card says they are male as in the eyes of society may not fit into existing gender stereotypes regarding their birth gender.

The EU Law offers protection from Sexual Orientation Discrimination and the published reports by FRA,(European Union Agency for Fundamental Rights) Homophobia and Discrimination on grounds of Sexual Orientation in the EU member states, conducted an analysis of the legal protection towards transgender in EU countries. There are three principals of protection against discrimination on transgender people which are; discrimination on bases of sex within instruments prohibiting discrimination between women and men.

Discrimination on the basis of sexual orientation and discrimination interpreted to fall within a general prohibition on discrimination with no express articulation of sex or sexual orientation which often results in situation of legal uncertainty to the precise protection of transgender persons from discrimination. Malta is one of the eleven states falling in this category.

Few LGBT persons are participating in the work force and there is a level of discrimination at the workplace which can be direct and indirect. Discrimination may be experienced in the lack of promotion opportunities, unequal treatment in the area of performance and advancement, verbal harassment, degrading statements, insults and social isolation.

The Employment Equality Directive prohibits both direct and indirect discrimination on grounds of sexual orientation both in private and public sectors and in work. EU law obliges member states to establish an Equality board in the area of race discrimination or sex discrimination. Around 18 member stares have set up an equality board whilst Malta falls amongst the nine member states with currently no equality body covering sexual orientation discrimination.

These situations are an everyday reality for LGBT people and they should not be discriminated against because of their sexual orientation. More support from the Authorities and implementation of national and regional strategies will help to alleviate the suffering of these individuals. Discrimination against LGBT has to stop once and for all.

# L-Arġentina mhix se taċċetta mediċina li kienet irvinat il-pajjiż

Il-President ta' l-Arġentina, Cristina Fernandez de Kirchner ikkritikat bil-qawwa lill-bankiera u istituzzjonijiet finanzjarji nternazzjonali u qalet li dawn "iridu jagħtuna l-istess mediċina li kienu tawna meta rvinawna"

Il-President Fernandez kienet qiegħda tattendi l-inawgurazzjoni ta' xibka ta' linji ta' l-enerġija ta' 500 kilowatt, f'Mendoza. Fid-diskors tagħha lill-folla kbira li attendiet qalet li "qegħdin naħdmu biex l-poplu Arġentin kollu jkun jista' itejjeb l-kwalitá tal-ħajja tagħhom. Il-wasla ta' l-enerġija elettrika ġġib magħha investiment, edukazzjoni u ugwaljanza lil kulħadd. Meta tasal l-enerġija elettrika jew il-gass, ma jimportax x'kulur politiku tħaddan, għax dawn iġibu ferħ fost kulħadd".

Hija tkellmet wkoll dwar il-banek internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-aġenziji tal-credit rating, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), il-Bank Dinji u Moody's, hekk kif ħafna pajjiżi qegħdin jiffaċċjaw il-kriżi tal-kapitaliżmu.



"F'dinja li qiegħda tikkollassa, iridu jagħtu lezzjonijiet, jew agħar minn hekk, iridu jagħtuna l-mediċina li tawna matul 'għaxar snin' u li serviet biss biex tirvina lill-poplu u l-pajjiż."

Hija kompliet qalet li "dawn jemmnu li jekk jinforzaw it-tqaċċiet ta' l-infieq pubbliku, il-pajjiżi jibdew jikbru. Dan huwa bla sens. Niftakar meta żewġi ( l-eks President Nestor Kirchner) kien qal lill-kredituri fl-2003 li 'l-ebda raġel mejjet ma jista' jħallas lura dejnu".

Hija kompliet tgħid li l-Arġentina tonfoq biss 2 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku biex tħallas id-dejn barrani u "grazzi għal'alla, 6 fil-mija tal-GDP jintefaq fis-sistema edukattiva".

Il-President Fernandez għalqet billi wissiet lil min idejjen, "li l-policies ekonomiċi tagħna huma deċiżi mill-gvern u l-Kungress u mhux mill-barranin. L-Poplu Arġentin biss u ħadd aktar, mhu se jsawwar il-ġejjieni tas-soċjetá, ta' uliedna u wlied uliedna".

# Il-Kilba Imperjalista ta' l-Istati Uniti

*minn Victor Degiovanni*

Imperjaliżmu jista' jiġi deskritt bħala nvażjoni aggressiva minn pajjiż fuq it-territorju ta' stat ieħor, li tirriżulta f'jasar għal dak il-poplu maħkum. Ġeneralment il-pajjiż maħkum jiġi sfruttat mir-riżorsi naturali tiegħu sabiex jistgħanew id-ditti multi nazzjonali li llum huma b'saħħithom li sa anke jiddettaw lill-istess Gvernijiet tal-pajjiżi li huma maħkuma.

Fi kliem ieħor "*ir-ruling class*" inbidlet, m'għadix il-borgeżija lokali, wasalna għal dak li kien kiteb Lenin, li *"l-Imperjaliżmu huwa l-ogħla stadju tal-Kapitaliżmu".* Ħafna minn dawn il-multi nazzjonali huma mmexija minn kumpaniji kbar Amerikani. L-Istati Uniti għandha storja twila ta' imponiment tar-rieda tagħha fuq pajjiżi oħrajn. Dejjem kienet tagħmel hekk għall-interessi tan-negozjanti Amerikani.

L-imperjaliżmu għandu storja twila mid-dinja tal-qedem sad-dinja tal-lum. Imperi kibru u wieħed wara l-ieħor raw it-tmiem tagħhom. Mingħajr ma noqogħdu nidħlu żżejjed fiż-żmien klassiku, biżżejjed insemmu dak tal-passat riċenti. Fis-Seklu Dsatax kien hemm l-Imperu Ingliż u dak Franċiż fuq skala dinjija u l-Imperi Awstro-Ungeriż u dak Ottoman fuq skala ferm iżgħar.

Iż-żewġ imperi ta' l-aħħar jiġifieri dak Ottoman u dak Awstro Ungeriż sparrixew wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. L-Imperu Ingliż, u dak Franċiż bdew jaraw iż-żerniq tagħhom wara it-Tieni Gwerra Dinjija, dawn baqgħu ikarkru sa nofs is-Seklu Għoxrin sakemm ix-xemx niżlet darba għal dejjem minn fuq l-imperu Ingliż u kif wkoll ntemm l-imperu Franċiż.

Wara it-Tieni Gwerra Dinjija beda jfeġġ imperjaliżmu ieħor, li għalkemm kien jidher ġdid fuq livell Dinji, fil-fatt dan ma kienx, għaliex l-Istati Uniti dejjem kellha politika imperjalista. Din kienet il-politika magħrufa bħala ***"l-Monroe Doctrine"*** li kienet tillimita ruħha biss għall-isfera tal-Kontinent Amerikan, kemm l-Amerika ta' fuq u kif ukoll l-Amerika ta' isfel. Meta kien ikun hemm xi Gvern demokratiku f'dawn il-pajjiżi ta' dan l-kontinent li ma kienx jogħġob lill-Amministrazzjoni ta' Washington, l-Istati Uniti kienet tibgħat il-morini, tneħħieh u minfloku tinstalla dittatur pupazz tagħha.

L-Imperjaliżmu Amerikan beda jaħdem fuq binarji oħra u beda jaħkem il-pajjiżi permess ta' l-ekonomija fejn il-gvernijiet ma offrewx reżistenza. Kontra dawk il-pajjiżi li ma jkunux iridu jissotomettu ruħhom, kienu jintużaw mezzi oħra, mezzi ta' sovversjoni permezz tas-servizzi sigrieti bħas-CIA.

Dawn il-mezzi ntużaw diversi drabi b'suċċess u ħafna drabi s-CIA ħadmet ma' elementi politikament leminin, ma' unions li jkunu jirrappreżentaw lis-sidien u għaqdiet kriminali , u bil-mod jibdew atti ta' sabottaġġi ntiżi sabiex ikissru l-ekonomija, u joskuraw lill-mexxejja tal-pajjiż li jkun fil-mira, propaganda qarrieqa kemm ġewwa l-pajjiż, permess tal-midja leminija u kif ukoll, gideb sfaċċat fil-midja nternazzjonali. Sabiex meta jasal il-waqt li jintbagħtu l-morini ħadd ma jipprotesta.

Dawn il-mezzi ntużaw kontra l-gvern progressiv ta' Mossadeq fl-Iran sabiex gie installat ir-reġim tax-Shah, li dam jaħkem fuq l-Iran sakemm ġie megħlub mir-rivoluzzjoni Iżlamika u l-poplu Iranjan għadu sa' llum ibati, għaliex għadu mhuwiex poplu liberu. Dan kollu minħabba l-intriċċi ta' l-Imperjaliżmu Ingliż u Amerikan. L-istess metodi ntużaw kontra l-Gvern ta' Arbenz fil-Gwatemala u aktar tard kontra Salvador Allende ġewwa ċ-Ċile. Gvernijiet progressivi li l-għan tagħhom kien li jtejjbu l-kundizzjoni tal-ħajja tal-popli tagħhom u joħorġuhom mill-miżerja tal-faqar.

Diversi amministrazzjonijiet ta' l-Istati Uniti huma ħatja ta' delitti kontra l-umanitá minħabba l-gwerer imperjalisti li huma qanqlu sabiex jieħdu r-riżorsi naturali ta' ħaddieħor prinċipalment iż-żejt u gwerer oħra sabiex jiżguraw li f'dak il-pajjiż ikun hemm reġim sottomess lejn l-interessi Amerikani.

Dawn il-Gwerer prinċipalment, kienu tal-Korea fil-bidu tas-snin Ħamsin. Din il-gwerra sal-lum għadha ma spiċċatx għaliex kien hemm biss waqfien tal-ġlied, imma qatt ma ġie ffirmat trattat tal-paċi u konsegwenza ta' hekk l-Korea għadha sa llum maqsuma. Fil-Gwerra tal-Vjetnam, gwerra oħra mqanqla mill-Istati Uniti sabiex iżżomm lil dan il-pajjiż maqsum f'żewġ partijiet. L-Istati Uniti hawnhekk, sofriet l-akbar telfa tagħha, Gwerer oħra aktar riċenti kienu dawk ta'l-Iraq u ta' l-Afganistan.

Il-gwerra ta' l-Iraq kienet gwerra ddikjarata llegali minħabba l-fatt li Ġnus Magħquda ma qablitx ma' din il-gwerra. L-Istati Uniti u l-Alleati tagħhom daħlu fl-Afganistan, bl-iskuża tal-11 ta' Settembru "*li ħafna jaħsbu li kien hemm l'id moħbija ta' l-istess imperjaliżmu Amerikan wara dan l-att faħxi."* Kemm fil-gwerra fl-Iraq kif ukoll f'dik Afgana l-imperjaliżmu għadu ma ħariġx rebbieħ.

Ta' min isemmi wkoll il-mod kif it-territorju Serb tal-Kosovo ġie misruq u mogħti lill-Albaniżi li jgħixu hemm, bħal ma kien ġara fil-Palestina wara it-Tieni Gwerra Dinjija, fejn residenti Palestinjani spiċċaw ġo kampijiet tar-refuġjati tal-Ġnus Magħquda, biex jagħmlu wiesgħa għall-hafna Ewropej ta' reliġjon Lhudija.

Fil-preżent l-imperjaliżmu permess tan-NATO neħħa mill-poter lir-reġim ta' Muammar Gaddafi mil-Libya, sabiex ikun jista' jerġa' jikkontrolla ir-riżorsi naturali bħal ma kien isir fiż-żmien tar-Re Idris.

Illum hawn ħafna nies li għadhom ma fehmux, jew ma jridux jifhmu għax hekk jaqblilhom, jaslu biex anke jiċħdu l-eżistenza ta' l-imperjaliżmu. Dawn jaslu wkoll li jekk issemmi l-kelma imperjaliżmu, jgħajjruk antikwat bl-iskuża banali ta' *"new thinking".* Dan il-kunċett ta' ħsieb falla bħal ma falla dak Neo liberali. L-Imperjaliżmu għadu magħna u jispiċċa biss meta finalment jittriomfa is-Soċjaliżmu.

# 96% ta' l-Elettorat Taljan kontra privatizazzjoni ta' l-Ilma

Ir-riżorsa ta'l-ilma, llum aktar minn qatt qabel irridu nsiru aktar konxji ta' l-importanza tagħha. Hi dik ir-riżorsa li tagħti l-ħajja lid-dinja. Mingħajr din ir-riżorsa, l-ebda kreatura ma tgħix. In-nixfa u n-nuqqas ta' xita lkoll iġiegħluna nitħassbu dwar il-ġejjieni ta' din ir-riżorsa. L-istess bħal kull riżorsa oħra, din tinteressa lis-settur privat biex jakkwista kontroll tagħha. Fil-fatt f'ċertu pajjiżi l-ilma ġie privatizzat u konsegwenza t'hekk ħafna nies foqra spiċċaw mingħajr il-provvista ta' l-ilma, kif ukoll l-immaniġġjar ta' riżorsa ma baqax sostenibbli.

Bħal kull ħaġa oħra, jeżistu żewġ perspettivi distinti. Hemm min iħares lejn is-servizz u distribuzzjoni ta' l-ilma bħala ġid komuni u hemm oħrajn jħarsu lejh bħala kommodita li tista' tinxtara u tinbiegħ.

Studjuż Ingliż, Barlow Marlow kien stqarr "*li l-futur ta' l-ilma ser jiddetermina l-futur tagħna jkunx wieħed paċifiku jew perikoluż".* L-analiżi ta' Barlow tiftaħ dibattitu sħiħ dwar x'għandu jsir.

Fl-Italja ftit ta' xhur ilu saru tliet referenda ta' mportanza f'dik li hi politika soċjali u ambjentali, fejn il-maġġor parti kbira ta' l-elettorat, 96 %, ivvutaw kontra l-pjani tal-Gvern li jipprivatizza s-servizz tal-ilma. L-istess elettorat, fuq kwistjoni ambjentali oħra ħareġ jopponi l-politika tal-Gvern għal aktar investiment fl-enerġija nukleari.

L-Urugwaj kien għadda minn l-istess esperjenza fejn in-nies kienu mġiegħla jivvutaw f'referendum dwar il-privatizzazzjoni ta' l-ilma. L-istess bħall-Italja, l-organizzazzjonijiet ingħaqdu f'kampanja waħda magħrufa bħala *The Cochabamba Water revolt.* Infatti fir-referendum l-maġġoranza ta' l-elettorat ivvota kontra.

Is-sabiħ ta' dawn ir-referenda, partikolarment għal dak marbut ma l-ilma kien l-involviment magħqud ta' numru ta' għaqdiet soċjali, ambjentali, reliġjużi u politiċi li lkoll ħadmu sabiex jiġi assigurat li l-ilma jiġi trattat mhux bħala *prodott li jinxtara u jinbiegħ* imma bħala wirt komuni li għandu jitħares u jinqasam bejn kulħadd. Bir-rebħa fir-referendum l-għaqdiet issa ser jgħafsu sabiex tidħol fis-seħħ liġi li tkun ta' gwida fil-ġestjoni pubblika ta' l-ilma.

"It-twaqqif għal pjanijiet tal-Gvern li jipprivatizza s-servizzi ta' l-ilma hija l-ewwel pass lejn użu aħjar u responsabbli ta' ilma," qalet Daniela Del Bene, attivista ma' l-NGO *Cevi* li hi msieħba fil-kampanja bl-isem ta' *Acquabenecomune* - *'www. acquabenecomune.org'.*

L-organizazzjonijiet jqisu r-rebħa fir-referendum bħala l-ewwel pass, imma jaċċettaw l-fatt li issa ġejja l-parti l-aktar iebsa u diffiċli, dik li jiġi msaħħaħ l-immaniġġjar tas-sistema pubblika li jissodisfa kemm il-bżonnijiet tal-poplu u r-riżorsa naturali ta' l-ilma b'mod sostenibbli u ġust. Il-votazzjoni għal dan ir-referendum qajmet interess kbir madwar id-dinja, partikolarment għal minn iħaddan politika Xellugija u Ħadra.

*"Is-suċċess tar-referendum fl-Italja hija l-wirja vera ta' l-enerġija u l-potenzjal li jġieb miegħu l-għeruq ta' l-attiviżmu,"* qal Wenonah Hauter, direttur eżekuttiv ta' l-għaqda internazzjonali *Food and Water Watch.*




***Il-qassisin u s-sorijiet kellhom rwol importanti f'dan ir-referendum u ħadu sehem bi ħġarhom fil-ġlieda kontra l-privatizazzjoni*** (Ritratt)